MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 743/2008

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Josette Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta’ Lulju 2008 li permezz tiegħu s-soċjeta’ attriċi ppremettiet:

1. Illi, in forza ta’ bejgħ in subasta numru 04/2003 miżmum taħt l-Awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta’ Diċembru 2005 ġie liberat a favur tas-soċjeta’ attriċi il-*flat* internament markat bin-numru wieħed (1), liema *flat* jinsab fir-raba’ (4) sular meta kkalkulat minn Saint Anne Square, Sliema, formanti parti minn blokk ta’ *flats* mingħajr numru uffiċjali magħruf bħala “Fawwara Buildings” inkluż is-sehem indiviż tal-entratura

indipendenti u esklussiva li tagħti għal Triq Ġużè' Fava ġia' Fawwara Lane. L-imsemmi blokk ta' *flats* jikkonfina minn nofsinhar ma' Saint Anne Square, punent ma' Tower Road u tramuntana ma' Plaza Centre proprjeta' ta' Plaza Enterprises Limited, kif aħjar jidher mill-kopja tal-liberazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok. A;

2. Illi, għalhekk illum is-soċjeta' konvenuta qed tokkupa dan il-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Illi, l-attur jaf personalment illi saret il-liberazzjoni favur tiegħu tal-fond indikat fid-dokument A hawn anness.

4. Illi, is-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata sabiex tiżgombra mill-imsemmi fond u dan permezz ta' ittra uffiċjali datata 25 ta' Settembru 2006 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. B, iżda din baqgħet inadempjenti.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, tgħid il-konvenuta għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi li qeda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta qed tokkupa il-*flat* internament markat bin-numru wieħed (1), liema *flat* jinsab fir-raba' (4) sular meta kkalkulat minn Saint Anne Square, Sliema, formanti parti minn blokk ta' *flats* mingħajr numru uffiċjali magħruf bħala "Fawwara Buildings" inkluż is-sehem indiviż tal-entratura indipendenti u esklussiva li tagħti għal Triq Ġużè' Fava ġia' Fawwara Lane. L-imsemmi blokk ta' *flats* jikkonfina minn nofsinhar ma' Saint Anne Square, punent ma' Tower Road u tramuntana ma' Plaza Centre proprjeta' ta' Plaza Enterprises Limited;

2. Tikkundanna u tordna in konsegwenza, lill-istess soċjeta' konvenuta fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, tiżgombra mill-*flat* internament markat bin-numru wieħed (1), liema *flat* jinsab fir-raba' (4) sular meta kkalkulat minn Saint Anne Square, Sliema, formanti parti

minn blokk ta' *flats* mingħajr numru uffiċjali magħruf bħala "Fawwara Buildings" inkluż is-sehem indiviż tal-entratura indipendenti u esklussiva li tagħti għal Triq Ġużè' Fava ġia' Fawwara Lane. L-imsemmi blokk ta' *flats* jikkonfina minn nofsinhar ma' Saint Anne Square, punent ma' Tower Road u tramuntana ma' Plaza Centre proprjeta' ta' Plaza Enterprises Limited;

Bl-ispejjeż komprizi dawk tal-ittra uffiċjali datata 25 ta' Settembru 2006 u bir-riserva għal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta' attriċi kontra s-soċjeta' konvenuta li hi nġunta minn issa sabiex tidher għas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta ppreżentata fl-10 ta' Novembru 2009, li permezz tagħha eċċepiet:

Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* illi huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt u dana *stante* illi l-esponenti ma tokkupax dan il-fond.

Illi għalkemm huwa minnu illi l-esponenti kienet is-sid ta' dan il-fond, dana kien ġie mikri minn żmien ilu lil Josette u Anton Spiteri kif ser jiġi ppruvat fis-smiegħ ta' dan ir-rikors.

Illi għalhekk l-esponenti għandha tiġi liberata minn l-osservanza tal-ġudizzju.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali;

Rat l-affidavit ta' Raymond Aquilina;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' April 2010 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li s-soċjeta' konvenuta naqset li tidher u tressaq provi;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher minn dak li ġja’ ntqal is-soċjeta’ konvenuta ma ressqitx provi u għalhekk il-provi tas-soċjeta’ attriċi ma ġewx kontradetti. Jirriżulta allura li t-talbiet attriċi huma ġustifikati u għandhom jiġu milqugħa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta’ xahar.**

**L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta’ konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------